A.L. 325 ta' l-2002

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Tipjip tat-Tabakk fir-Reġistri tal-Qrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9(j) ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, bi ftehim mal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Tipjip tat-Tabakk fir-Reġistri tal-Qrati.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti –

"prodott tat-tabakk" tfisser prodott li jkun manifatturat, ukoll f'parti minnu, minn tabakk, u li jkun maħsub li jintuża għat-tipjip, iżda la tinkludi tabakk li ma jitpejjipx li jkun maħsub li jintuża billi jintgħomod, u li jinkludi tabakk tat-tagħmid niexef li jittieħed mill-imnieħer jew mill-ħalq, u lanqas ebda mediċina li tinbiegħ jew tiġi provduta kollha kemm hi jew prinċipalment biex tintuża bħala għajnuna biex persuna tirrinunzja għat-tipjip.

Projbizzjoni ta' tipjip tat-tabakk fir-reġistri tal-Qrati.

3. Hadd ma għandu f'ebda waqt ipejjep xi prodott tat-tabakk fil-limiti tar-reġistri tal-Qrati Superjuri, kemm Ċivili kemm Kriminali, u tal-Qrati Inferjuri f'Malta, u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Reati u pieni.

4. Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn ħames liri u mhux iżjed minn ħamsin lira.